# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 27 ta' Frar 2002

Citazzjoni numru 141/94

L-Avukat Dr Carmelo Galea, l-Avukat Dottor Michael Grech kemm f'ismu proprju u kif ukoll bhala mandatarju ta' l-imsiefer Paul Scicluna u illi b'nota tat-13 ta' Settembru 1994 Paul Scicluna jassumi l-atti tal-kawza minflok il-mandatarju tieghu Dr Michael Grech stante li rritorna mis-safar

-vs-

Joseph u Anthese konjugi Galea u b'digriet tas-26 ta' Frar 2002 il-gudizzju gie trasfuz f'isem John Galea stante l-mewt ta' Joseph Galea fil-mori tal-kawza

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fis-26 ta' Awissu 1994 fejn wara li ppremettew illi huma l-proprjetarji divizament bejniethom ta' tlett iflats formanti parti mill-blokk fin-numru erbghin (40) ta' Triq Santa Maria, Marsalforn, limiti Zebbug, Ghawdex u huma l-proprjetarji ukoll tal-partijiet komuni tal-blokk kollu.

Illi dan il-blokk jikkonfina minn nofsinhar ma' dar qadima proprjeta' tal-konvenuti jew ta' xi hadd minnhom.

Illi s-sistema tad-drenagg fil-proprjeta' tal-konvenuti ma tiffunzjonax tajjeb u hija difettuza tant li kull meta jsir uzu minnha, kwantita' ta' likwidu qieghed jiskula ghal got-tromba tat-tarag fil-proprjeta' ta' l-atturi.

Ukoll illi jirrizulta illi l-ilma tax-xita tal-bjut tal-proprjeta' tal-konvenut jew tal-inqas parti minnu qieghed imur ukoll mad-drenagg u ghalhekk kull meta taghmel ix-xita parti mill-ilma jippenetra ghal gol-proprjeta' ta' l-atturi.

Illi l-atturi ilhom minn Novembru ta' l-elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) jwissu lill-konvenuti, anke permezz ta' l-Awtoritajiet tas-sanita' sabiex jaghmlu x-xoghol ta' tiswija mehtieg, izda dawn (cioe' l-konvenuti) baqghu inadempjenti.

Illi konsegwenza ta' dan l-iskular l-atturi qeghdin isofru danni konsistenti sew fi hsara fil-proprjeta' taghhomu kif ukoll spejjez sabiex jitnaddfu il-partijiet komuni minn dan il-liwkdiu.

Illi permezz ta' rikors ghall-mandat ta' inibizzjoni spedit fl-ismijiet "Paul Scicluna et noe vs Joe Galea et" l-atturi talbu l-ispedizzjoni fil-konfront tal-konvenuti ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex dawn jigu mizmuma milli jkomplu jaghmlu uzu mis-sistema tad-drenagg attwali liema rikors gie milqugh fit-tmintax (18) ta' Awissu tas-sena korrenti elf disa' mija u erbgha u disghin(1994).

Talbu li din il-Qorti:

1. tiddikjara illi l-iskular ta' l-ilma tax-xita u drenagg mill-proprjeta' fuq imsemmija ghal gol-proprjeta' ta' l-atturi jilledi d-drittijiet ta' l-istess atturi.

2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jgi lilhom iffissat minn din il-Qorti huma jaghmlu dawk ix-xoghlijiet li jirrizultaw mehtiega sabiex ma tissoktax iktar l-iskular u drenagg liema xoghlijiet isiru taht is-supervizjoni ta' perit mahtur ghal dan il-ghan minn din il-Qorti.

3. Tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas da parti tal-konvenuti huma jaghmlu l-istess xoghol a spejjez tal-konvenuti.

4. Tinibixxi lill-konvenuti milli jaghmlu uzu mis-sistema tad-drenagg fuq deskritta sakemm jitlestew ix-xoghlijiet imsemmija fit-talbiet precedenti.

5. Tiddikjara lill-konventui responsabbli lejn il-konvenuti ghad-danni kollha li gew sofferti minnhom konsegwenza ta' dan l-iskular.

6. Tillikwida dawn id-danni.

7. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihalsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni fl-ismijiet fuq premessi.

Il-konvenuti huma mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha min issa qeghdin jigu ngunti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt peress illi l-iskular ta’ l-ilma u l-hsarat l-ohrajn minnhom lamentati huma rizultat ta’ l-iskavar li ghamlu l-istess atturi taht l-art u taht il-pedamenti tal-fond tal-konvenuti, kif ukoll minhabba kostruzzjoni difettuza da parti ta’ l-istess atturi. Fi kwalunkwe kaz il-konvenuti llum irrimedjaw ghal dan in-nuqqas u ghlahekk, l-ewwl, it-tieni, it-tielet, il-hames, is-istta u s-seba’ talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.

2. Illi l-konvenuti la kellhom l-intenzjoni u lanqas fil-fatt ma kkomunikaw id-drenagg tad-dar taghhom ma’ dak ta’ l-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt u salv kwalunkwe rimedju iehor spettanti lill-konventui minhabba abbusiv u llegali ta’ l-attur kif ukoll l-inadempjenza taghhom.

Rat l-atti tal-kawza.

Semghet lill-partijiet fis-seduta tas-27 ta’ Frar 2002 fejn iddikjaraw li l-mertu tal-kawza jinsab ezawrit u talbu li tinghata sentenza fuq il-kap ta’ l-ispejjez u ttransigew li dawn ghandhom jigu allokati lill-konvenuti.

Ghaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-mertu stante li hu ezawrit.

Tikkundanna lill-konvenuti jhalsu l-ispejjez tal-kawza.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur